

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Bamberg (il-Ġermanja) fid-9 ta' Settembru 2013 — proċeduri kriminali kontra Mohammad Ferooz Qurbani

(Kawża C-481/13)

(2013/C 352/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinvju

Oberlandesgericht Bamberg

Parti fil-kawża prinċipali

Mohammad Ferooz Qurbani

Domandi preliminari

- (1) L-eżenżjoni personali tal-pieni stabbilita fl-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni dwar l-istatus tar-refuġjati (il-Konvenzjoni ta' Genève, iktar 'il quddiem il-“KG”), tinkludi wkoll, lil hinn mill-kliem tagħha, il-falsifikazzjoni tad-dokumenti li tkun seħħet permezz tal-preżentazzjoni ta' passaport falz lil uffiċjal tal-pulizija, fid-dħul bl-ajru fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, meta l-passaport falz ma huwiex fil-fatt neċċesarju għall-applikazzjoni tal-ażil f'dan l-Istat?
- (2) Ir-rikors għas-servizzi ta' kunrabbandisti jeskludi l-invokazzjoni tal-Artikolu 31 tal-KG?
- (3) Il-kundizzjoni ta' applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-KG, li tikkonsisti fl-orġini “**diretta**” tal-persuna kkonċernata minn territorju fejn il-ħajja jew il-libertà tagħha kienu mhedda, għandha tiġi interpretata fis-sens li din il-kundizzjoni hija wkoll sodisfatta meta l-persuna kkonċernata tkun l-ewwel nett daħlet fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea (f'dan il-każ, il-Ġreċċa) minn fejn tali persuna ssoktat bil-vjaġġ tagħha lejn Stat Membru ieħor (f'dan il-każ, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja) li fih hija titlob l-ażil?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción nº 2 de Marchena (Spanja) fl-10 ta' Settembru 2013 — Unicaja Banco SA vs José Hidalgo Rueda et

(Kawża C-482/13)

(2013/C 352/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinvju

Juzgado de Primera Instancia e Instrucción nº 2 de Marchena

Partiijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Unicaja Banco SA

Konvenuti: José Hidalgo Rueda, María del Carmen Vega Martín, Gestión Patrimonial Hive SL, Francisco Antonio López Reina u Rosa María Hidalgo Vega

Domandi preliminari

- (1) Skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli ingugi f'kuntratti mal-konsumatur (¹), u b'mod partikolari skont l-Artikolu 6(1) tagħha, u sabiex tiġi għarantita l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-utenti bi qbil mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettivitā, meta qorti nazzjonali tiddeċċiedi li hemm klawżola abbużiva dwar interressi moratorji f'self ipotekarju, għandha l-imsemmija qorti tiddikkjara n-nullità tal-klawżola u n-natura mhux vinkolanti tagħha jew inkella għandha, bil-kontra ta' dan, temenda l-klawżola dwar l-interessi billi tinkariga lill-kreditur li qed jitlob l-implementazzjoni jew lis-sellief jikkalkolaw l-interessi mill-ġdid?
- (2) It-tieni dispożizzjoni tranżitorja tal-Liġi 1/2013, tal-14 ta' Mejju 2013, tikkostitwixxi limitazzjoni ċara tal-protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur, sa fejn din timponi implicatamente fuq il-qratli l-obbligu li jemendaw klawżola dwar interressi moratorji li tista' tiġi kklassifikata bħala abbużiva, billi jikkalkolaw mill-ġdid l-interessi previsti u billi jżommu fis-sejjh dispożizzjoni ta' natura abbużiva, minflok ma jiddikjaraw in-nullità tal-klawżola u n-natura mhux vinkolanti tagħha fil-konfront tal-konsumatur?
- (3) It-tieni dispożizzjoni tranżitorja tal-Liġi 1/2013, tal-14 ta' Mejju 2013, tmur kontra d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli ingugi f'kuntratti mal-konsumatur, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha, sa fejn din tipprekkli l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettivitā fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u tevita l-applikazzjoni tas-sanzjoni li tikkonsisti fid-dikjarazzjoni tan-nullità u tan-natura mhux vinkolanti tal-klawżoli dwar interressi moratorji li jistgħu jiġi kklassifikati bħala abbużiva, previsti f'self ipotekarju konkluż qabel id-dħul fis-sejjh tal-Liġi 1/2013, tal-14 ta' Marzu 2013?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción nº 2 de Marchena (Spanja) fl-10 ta' Settembru 2013 — Unicaja Banco S.A. vs Steluta Grigore

(Kawża C-483/13)

(2013/C 352/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinvju

Juzgado de Primera Instancia e Instrucción nº 2 de Marchena